**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 t'Awwissu 2021**

**Talba Numru: 6/19 CZ**

**Peteris Krigers**

**vs.**

**Lufthansa German Airlines**

**It-Tribunal,**

Wara li ra l-avviz tat-talba ai termini tar-Regolament (KE) 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Procedura Ewropea ghal Talbiet Zghar, prezentat fit-30 ta' Mejju 2019, li bih l-attur iddikjara illi t-titjira LH 1311 minn Malta, Luqa (MLA) ghal Frankfrut Main (FRA) fit-12 ta' Mejju 2017 telqet tard, u l-attur tilef

titjira ohra li kellha tiehdu Riga, Riga Intl (RIX). Id-dewmien totali sakemm wasal fid-destrinazzjoni tieghu qabel it-tliet (3) sighat.

Illi l-attur ikkwota Artikolu sitta (6), mehud flimkien ma' Artikolu sebgha (7) tar-Regolament (KE) Numru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004, u premetta li ghandu dritt ghal kumpens fl-ammont ta' erba' mitt Euro (€400).

Illi l-attur premetta wkoll illi interpella lill-entita' konvenuta bit-talba tieghu fit-23 ta' Mejju 2017, izda din irrifjutat li thallas u ccitat il-kundizzjonijiet avversi tat-temp bhala r-raguni ghad-dewmien. L-attur allega illi l-ebda evidenza ma giet provduta mill-entita' konvenuta biex tipprova dan. Aktar minn hekk, skond informazzjoi minnf flightstats.com, ma kien hemmx dewmin magguri fuq titjiriet ohra li telqu minn Frankfurt fl-istess hin, b'dana ghalhekk illi l-kundizzjonijiet tat-temp ma affettwawx severament xi titjiriet ohra.

It-Tribunal:

Ra illi l-entita' konvenuta, debitament notifikata fis-17 ta' Settembru 2019, baqghet ma wegbitx.

Ra illi l-attur qed jitlob is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) kumpens talli t-titjira minn Malta ghal Frankfurt telqet tard, u konsegwentement wasal tard fid-destinazzjoni finali tieghu, Riga, b'aktar minn tliet (3) sighat, u precizament bi tnax (12)-il siegha.

Illi t-Tribunal ra r-rendikont moghti mill-attur u d-dokumenti l-ohra prezentati minnu.

Illi t-Tribunal ikkunsidra wkoll ir-Regolament (KE) Numru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004, li jistabilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza ghal passiggieri fil-każ li ma jithallewx jitilghu u ta'

kancellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jhassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91.

Illi l-artikolu relevanti tar-Regolament (KE) Numru 261/2004 huwa l-artikolu sitta (6), li jittratta d-dewmien fit-tluq tal-ajruplan. Dan l-artikolu jipprovdi:

> 1. Meta trasportatur ta' l-ajru li jopera jistenna b'mod ragonevoli li titjira tigi mdewma lil hin mil-hin tat-tluq taghha skedat:
> (a) ghal saghtejn jew aktar, fil-każ ta' titjiriet ta' 1 500 kilometru jew inqas; jew
> (b) ghal tlett sighat jew aktar, fil-każ tat-tijiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1 500 kilometru u ghat-titjiriet ohrajn kollha bejn 1 500 u 3 500 kilometru; jew (c) ghal erba' sighat jew aktar, fil-każ tat-titjiriet kollha li ma jaqawx taht (a) jew (b), passiggieri ghandhom jigu offruti mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera:
> (i) l-assistenza specifikata fl-Artikolu 9(1)(a) u 9(2); u
> (ii) meta l-hin tat-tluq ragonevolment mistenni hu mill-inqas il-gurnata wara l-hin tat-tluq li kien imhabbar qabel, l-assistenza specifikata fl-Artikolu 9(1)(b) u 9(1)(c); u
> (iii) meta d-dewmien hu ta' mill-inqas hames sighat, l-assistenza specifikata fl-Artikolu 8(1)(a). 2. Fi kwalunkwe każ, l-assistenza ghandha tigi offruta fillimiti tal-hin stabbiliti hawn fuq fir-rigward ta' kull parentesi ta' distanza.

Illi t-titjira in kwestjoni taqa' taht l-Artikolu 6 (1) (b), fis-sens li hija titjira intra-komunitarja ta' aktar minn 1,500 kilometru, u li sabiex telqet kien hemm dewmien ta' tliet (3) sighat jew iktar. Fil-fatt it-titjira in kwestjoni damet biex telqet erba' (4) sighat.

Illi f'dan il-kaz, ir-rimedju offrut mir-Regolament huwa dak provvdut f'Artikolu 9(1)(a) u 9(2), u cioe':

> 1. Fejn referenza hi maghmula ghal dan l-Artikolu, passiggieri ghandhom jigu offruti minghajr hlas:
> (a) ikliet u hwejjeg ohra ta' xorb u ta' ikel b'konnessjoni ragonevoli mal-hin li ghandhom jistennew;
> ...............

2. Barra minn dan, passiggieri ghandhom jigu offruti minghajr hlas żewg sejhiet bit-telefon, telex jew messaggi bil-fax, jew e-mails.

Illi ghalhekk, li kieku wiehed kellu japplika r-Regolament kif inhu, ir-rimedji offruti ghal dewmien bhal dan ma jinkludux kumpens fi flus kif qed jippretendi l-attur. Dak il-kumpens, kif mitlub ta' erba' mitt Euro (€400) kull persuna kien ikun dovut kieku t-titjira giet ghal kollox imhassra, skond l-Artikolu hamsa (5) tar-Regolament, li jaghmel referenza ghar-rimedju provdut f'Artikolu sebgha (7) tar-Regolament u jipprovdi li f'kas ta' thassir ta' titjira bhal dik in kwestjoni, ghandu jithallas l-ammont ta:

EUR 400 ghat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1 500 kilometru

Illi madankollu, kif gia' inghad, l-artikolu li jittratta d-dewmien ma jaghmilx referenza ghal Artikolu 7, izda ghal Artikolu 9, li ma jistabbilixxi l-ebda rimedju f'forma ta' kumpens fi flus.

Illi ghalhekk mal-ewwel daqqa t'ghajn, ir-rimedju mitlub mill-attur mhuwiex disponibbli ghalih skond l-artikoli tar-Regolament fuq imsemmi.

Illi izda, l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta interpretat l-Artikoli 5 (thassir) u 6 (dewmien) tar-Regolament, assimilat it-thassir ta' titjira ma' dewmien ta' tluq ta' ajruplan, in kwantu jirrigwarda l-applikabilita' tar-rimedju ta' kumpens fi flus, u ghalhekk permezz tal-gurisprudenza introduciet id-dritt ghal kumpens fi flus anke fejn titjira ma tkunx thassret, izda semplicement iddewwmet. F'dan ir-rigward it-Tribunal ser jiccita fit-tul is-sentenzi, moghtija flimkien, ta' *Christopher Sturgeon et vs. Condor Flugdiens GmbH* (C-402/07) u *Stefan Böck et vs. Air France SA* (C-432/07)[1], fejn intqal:

50 F'din il-kawża għandha tiġi pparagunata s-sitwazzjoni ta' passiġġieri ta' titjiriet imdewma u dik ta' passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati.

[1] Moghtija fid-19 ta' Novembru 2009

51 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 261/2004 huwa intiż sabiex jikkumpensa danni b'mod standardizzat u immedjat, u dan b'diversi forom ta' interventi li huma s-suġġett ta' skemi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet fejn passiġġieri ma jitħallewx jitilgħu, ta' kanċellazzjoni jew ta' dewmien twil ta' titjira (ara, f'dan is-sens, is-sentenza IATA u ELFAA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

52 B'dawn l-interventi, ir-Regolament Nru 261/2004 għandu l-għan li jikkumpensa, fost l-oħrajn, id-dannu li, għall-passiġġieri kkonċernati, jikkonsisti f'telf ta' ħin li ma huwiex riparabbli, minħabba n-natura irriversibbli tiegħu, ħlief b'kumpens.

53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li tali dannu jiġi subit kemm mill-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati kif ukoll mill-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jekk, qabel ma jaslu fid-destinazzjoni tagħhom, dawn iqattgħu iktar ħin jivvjaġġaw minn dak li inizjalment kien stabbilit mit-trasportatur tal-ajru.

54 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-passiġġieri li t-titjira tagħhom kienet is-suġġett ta' kanċellazzjoni u dawk affettwati minn dewmien ta' titjira jsofru dannu simili, konsistenti f'telf ta' ħin, u jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet paragunabbli għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens stipulat fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004.

55 Iktar preċiżament, is-sitwazzjoni ta' passiġġieri ta' titjiriet imdewma bl-ebda mod ma hija differenti minn dik tal-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati li jingħataw rotta oħra skont l-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004, u li jistgħu jiġu informati bil-kanċellazzjoni tat-titjira, *in extremis*, fil-mument stess li fih huma jaslu fl-ajruport (ara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, Rehder, C-204/08, Ġabra p. I-6073, punt 19).

56 Fil-fatt, minn naħa, dawn iż-żewġ kategoriji ta' passiġġieri huma informati, bħala regola, fl-istess ħin tal-inċident u dan jagħmel il-vjaġġ tagħhom bl-ajru iktar diffiċli. Min-naħa l-oħra, anki jekk jitwasslu sad-destinazzjoni finali tagħhom, huma jaslu hemm wara l-ħin inizjalment skedat u għalhekk huma jsofru telf ta' ħin simili.

57 Minkejja dan, il-passiġġieri li jingħataw rotta oħra skont l-Artikolu 5(1)(ċ)(iii) tar-Regolament Nru 261/2004 jingħataw id-dritt għal kumpens stipulat fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament meta t-trasportatur ma jagħtihomx rotta oħra permezz ta' titjira li titlaq mhux iktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u li tasal fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat. Dawn il-passiġġieri għalhekk jiksbu dritt għal kumpens peress li jkollhom telf ta' ħin ta' tliet sigħat jew iktar meta mqabbel mal-ħin li kien inizjalment skedat mit-trasportatur.

58 Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma ma jiksbux dritt għal kumpens, dawn ikunu qed jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minkejja li jsofru, fejn ikun il-każ, telf ta' ħin simili, ta' tliet sigħat jew iktar, waqt il-vjaġġ tagħhom.

59 Issa, l-ebda kunsiderazzjoni oġġettiva ma tidher li tista' tiġġustifika tali differenza fit-trattament.

60 Peress li d-danni subiti mill-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta' kanċellament jew ta' dewmien twil huma simili, ħlief bi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, il-passiġġieri ta' titjiriet imdewma u dawk ta' titjiriet ikkanċellati ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti. Dan huwa l-każ ukoll speċjalment fir-rigward tal-għan imfittex mir-Regolament Nru 261/2004 li huwa li jkabbar il-protezzjoni tal-passiġġieri kollha tal-ajru.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jistgħu jinvokaw id-dritt għal kumpens stipulat fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 meta jsofru, minħabba tali titjiriet, telf ta' ħin ta' tliet sigħat jew iktar, jiġifieri meta huma jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla skedat mit-trasportatur tal-ajru.

62 Din is-soluzzjoni hija, barra minn hekk, konformi mal-premessa 15 tar-Regolament Nru 261/2004. Fil-fatt, kif diġà ntqal fil-punt 43 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li, b'din il-premessa, il-leġiżlatur rabat ukoll il-kunċett ta' "dewmien twil" mad-dritt għal kumpens. F'dan il-punt, għandu jiġi rrilevat li dan il-kunċett jikkorrispondi ma' dewmien li miegħu l-leġiżlatur

jorbot ċerti konsegwenzi legali. Filwaqt li l-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament diġà jinkludi tali konsegwenzi legali fil-każ ta' ċerti titjiriet li jiddewmu b'sagħtejn, il-premessa 15 tal-imsemmi regolament inevitabbilment tkopri dewmien ta' tliet sigħat jew iktar.

63 Għandu jiġi ppreċiżat li l-ammont ta' kumpens dovut lil passiġġier bis-saħħa tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004 jista' jiġi mnaqqas b'50 % jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-regolament ikunu sodisfatti. Anki jekk din l-aħħar dispożizzjoni tirreferi biss għall-ipoteżi ta' rotta oħra tal-passiġġier, għandu jiġi kkonstatat li t-tnaqqis tal-ammont tal-kumpens stipulat jiddependi biss fuq id-dewmien li sofrew il-passiġġieri, b'tali mod li xejn ma jipprekludi l-applikazzjoni *mutatis mutandis* ta' din id-dispożizzjoni għall-kumpens mogħti lill-passiġġieri ta' titjiriet imdewma. Minn dan jirriżulta li l-ammont tal-kumpens dovut lill-passiġġier ta' titjira mdewma, li jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla inizjalment skedat, jista' jitnaqqas b'50 %, skont l-Artikolu 7(2)(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004 meta d-dewmien jibqa', għal titjira li ma taqax taħt l-Artikolu 7(2)(a) u (b), inqas minn erba' sigħat.

64 Il-konklużjoni mogħtija fil-punt 61 ta' din is-sentenza ma hijiex imdgħajfa bil-fatt li l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 261/2004 jipprovdi forom differenti ta' għajnuna għall-passiġġieri tat-titjiriet imdewma bis-saħħa tal-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-regolament.

65 Fil-fatt, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat, ir-Regolament Nru 261/2004 jipprovdi diversi forom ta' interventi sabiex jikkumpensaw, b'mod standardizzat u immedjat, id-danni differenti li jikkostitwixxu l-inkonvenjenzi kkawżati mid-dewmien fit-trasport bl-ajru tal-passiġġieri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza IATA u ELFAA, iċċitata iktar 'il fuq, punti 43 u 45).

66 Dawn il-miżuri huma awtonomi fis-sens li għandhom għanijiet differenti u huma intiżi sabiex inaqqsu d-danni differenti li l-imsemmija dewmien iġibu magħhom.

67 Minkejja dan, għandu jiġi mfakkar li, bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 261/2004, il-leġiżlatur ried ukoll jibbilanċja l-interessi tal-passiġġieri tal-ajru u dawk tat-trasportaturi tal-ajru. Filwaqt li stabbilixxa drittijiet favur dawn il-passiġġieri, fl-istess ħin, fil-premessa 15 u fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament, stipula li t-trasportaturi tal-ajru ma humiex obbligati jħallsu kumpens jekk ikunu f'pożizzjoni jipprovaw li l-kanċellazzjoni jew id-dewmien twil huwa dovut għal ċirkustanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati minkejja li ttieħdu l-miżuri kollha raġonevoli, jiġifieri ċirkustanzi li fuqhom it-trasportatur tal-ajru ma għandux kontroll effettiv.

68 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-obbligi imposti bir-Regolament Nru 261/2004 huma bla ħsara għall-fatt li dawn it-trasportaturi jitolbu kumpens mingħand kull persuna li kkawżat id-dewmien, inklużi terzi, kif stipulat fl-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament. Tali kumpens għaldaqstant għandu mnejn inaqqas, u saħansitra jeskludi, l-ispiża finanzjarja tal-imsemmija trasportaturi bħala riżultat ta' dawn l-obbligi. Barra minn hekk, ma jidhirx irraġonevoli li dawn l-obbligi jkunu, bla ħsara għad-dritt għal kumpens imsemmi iktar 'il fuq, inizjalment imqegħda fuq it-trasportaturi bl-ajru li magħhom il-passiġġieri kkonċernati huma marbuta b'kuntratt ta' trasport li jagħtihom dritt għal titjira li ma għandha tiġi la kkanċellata u lanqas imdewma (sentenza IATA u ELFAA, iċċitata iktar 'il fuq, punt 90).

69 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, ir-risposta għat-tieni parti tad-domandi preliminari għandha tkun li l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jistgħu jiġu assimilati mal-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens u li b'hekk jistgħu jinvokaw id-dritt għal kumpens stipulat fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament meta huma jsofru, minħabba t-titjira mdewma, telf ta' ħin ta' tliet sigħat jew iktar, jiġifieri meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla inizjalment skedat mit-trasportatur tal-ajru. Madankollu, tali dewmien ma jagħtix dritt għal kumpens favur passiġġieri jekk it-trasportatur tal-ajru jkun f'pożizzjoni li jipprova li d-dewmien twil huwa dovut għal ċirkustanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati minkejja li ttieħdu l-miżuri kollha raġonevoli, jiġifieri ċirkustanzi li fuqhom it-trasportatur tal-ajru ma għandux kontroll effettiv.

*Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-432/07 li tirrigwarda ċ-ċirkustanzi straordinarji li jirriżultaw minn problema teknika fuq ajruplan*

70 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li problema teknika fuq ajruplan li twassal għall-kanċellazzjoni ta' titjira taqa fil-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinarji" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss jekk din il-problema tirriżulta minn avvenimenti li, minħabba n-natura jew l-oriġini tagħhom, ma humiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat u li fuqhom ma għandux kontroll effettiv (sentenza Wallentin-Hermann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

71 L-istess konklużjoni għandha tintlaħaq meta jiġi invokat l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 fil-każ ta' dewmien ta' titjira.

72 Għalhekk, ir-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-432/07 għandha tkun li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li problema teknika fuq ajruplan li twassal għall-kanċellazzjoni jew għad-dewmien ta' titjira taqa taħt il-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinarji" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss jekk din il-problema tirriżulta minn avvenimenti li, minħabba n-natura jew l-oriġini tagħhom, ma humiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u li fuqhom it-trasportatur ma għandux kontroll effettiv.

Illi dik il-Qorti mbaghad ikkonkludiet:

1) L-Artikoli 2(l), 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandhom jiġu interpretati fis-sens li titjira mdewma, indipendentement mit-tul tad-dewmien, anki jekk sinjifikattiv, ma tistax titqies li hija kkanċellata meta ssir skont l-iskeda inizjalment stabbilita mit-trasportatur tal-ajru.

2) L-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jistgħu jiġu assimilati mal-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens u li b'hekk jistgħu jinvokaw id-dritt għal kumpens stipulat fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament meta huma jsofru, minħabba t-titjira mdewma, telf ta' ħin ta' tliet sigħat jew iktar, jiġifieri meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla inizjalment skedat mit-trasportatur tal-ajru. Madankollu, tali dewmien ma jagħtix dritt għal kumpens favur passiġġieri jekk it-trasportatur tal-ajru jkun f'pożizzjoni li jipprova li d-dewmien twil huwa dovut għal ċirkustanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati minkejja li ttieħdu l-miżuri kollha raġonevoli, jiġifieri ċirkustanzi li fuqhom it-trasportatur tal-ajru ma għandux kontroll effettiv.

3) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li problema teknika fuq ajruplan li twassal għall-kanċellazzjoni jew għad-dewmien ta' titjira taqa taħt il-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinarji" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss jekk din il-problema tirriżulta minn avvenimenti li, minħabba n-natura jew l-oriġini tagħhom, ma humiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u li fuqhom it-trasportatur ma għandux kontroll effettiv.

Illi iktar minn hekk, il-Qorti tal-Gustizza tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza *Air France v. Heinz-Gerke Folkerts and Luz-Teresa Folkerts*[2], iddikjarat:

> 47. .......l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpens huwa dovut, fuq il-bażi tal-imsemmi artikolu, lill-passiġġier ta' titjira b'konnessjoni li kellu dewmien fit-tluq iqsar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament, iżda li wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu b'dewmien ugwali għal jew iktar minn tliet sigħat mill-ħin tal-wasla skedat, minħabba li l-imsemmi kumpens ma huwiex suġġett għall-eżistenza ta' dewmien fit-tluq u, konsegwentement, għall-osservanza tal-kundizzjonijiet iddikjarati fl-imsemmi Artikolu 6.

Dan kien kaz li jittratta vjagg li kien fih *connecting flights*, bhal dak fil-kaz odjern. Anke jekk allura d-dewmien fl-ewwel titjira ma kienx jaqbez it-tliet (3) sighat, il-Qorti qed tqis f'dan ir-rigward id-dewmien kollu sakemm dak li jkun jasal fid-destinazzjoni finali tieghu. Ghalhekk, fil-kaz odjern, ma jiswewx biss is-saghtejn u ghoxrin minuta li dam ma telaq min Malta, izda wiehed irid ihares lejn id-dewmien komplessiv sabiex wasal Riga tramite Frankfurt, li f'dan il-kaz kien dewmien ta' tnax (12) –il siegha.

Illi l-entita' konvenuta bhala trasportatur, min-naha l-ohra, ma tatx hjiel, fl-atti tal-kawza, tar-raguni ghad-dewmien. Wiehed irid jiftakar illi t-trasportaturi tal-ajru ma humiex obbligati jħallsu l-imsemmi kumpens jekk ikunu f'pożizzjoni li juru li l-kanċellazzjoni jew id-dewmien twil huma dovuti għal ċirkustanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati minkejja li ttieħdu l-miżuri kollha raġonevoli, jiġifieri ċirkustanzi li fuqhom it-trasportatur tal-ajru ma għandux kontroll effettiv. Kien hemm f'dan is-sens, decizjoni wkoll tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-ismijiet *Wallentin-Hermann, C-549/07*[3]. Ghalkemm l-attur stess ghamel accenn ghall-fatt illi l-entita' konvenuta kienet laqghet ghat-talba tal-attur billi qalet li kien maltemp, minn dan kollu mill-atti ma jirrizulta xejn.

Illi ghalhekk, kunsidrat l-insenjament fis-sentenzi appena msemmija, kunsidrat ukoll illi d-dewmien in kwestjoni kien ta' iktar minn tliet (3) sighat (precizament tnax (12)-il siegha) sad-destinazzjoni finali, it-Tribunal qieghed bl-istess mod jassimila dan id-

[2] Deciza fis-26 ta' Frar 2013

[3] Moghtija fit-22 ta' Diċembru 2008

dewmien ma' kancellament u jqis illi l-attur ghandu l-jedd li jitlob il-kumpens fil-fatt mitlub.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur, u jordna lill-entita' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt Euro (€400), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-entita' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susanne Fenech

Deputat Registratur